23 25
TERM OF OFFICE

Oliver Röpke
President tal-KESE

# STAND UP FOR DEMOCRACY

# SPEAK UP FOR EUROPE

MANIFEST 2023/2025

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

# Werrej

**NIDDEFENDU D-DEMOKRAZIJA *F'darna*** 4
Inqarrbu ċ-ċittadini 4
Niżguraw is-suċċess tal-elezzjonijiet Ewropej 5
Nippromovu l-valuri fundamentali u l-istat tad-dritt 5
**NIDDEFENDU D-DEMOKRAZIJA *'Il hinn mill-UE*** 6
Il-portal tas-soċjetà ċivili għad-demokrazija u l-prosperità 6
Appoġġ għad-diplomazija mhux vinkolanti tal-UE għal soċjetajiet ċivili b'saħħithom u reżiljenti 6
**INSEMMGĦU LEĦINNA FAVUR L-EWROPA *Vuċi aktar rappreżentattiva*** 7
Forum għall-ġenerazzjonijiet il-ġodda 7
Forum aktar ugwali 8
**INSEMMGĦU LEĦINNA FAVUR L-EWROPA *Leħen b'saħħtu u sinifikanti*** 9
Istituzzjoni li tinstema' barra mill-ħitan tagħha 9
Istituzzjoni bbażata fuq l-evidenza u li tħares 'il quddiem 10
**OLIVER RÖPKE, PRESIDENT TAL-KESE**
***Immexxu 'l quddiem l-aġenda soċjali tal-UE u nissalvagwardjaw il-kompetittività sostenibbli għas-seklu 21*** 11
Immexxu 'l quddiem l-aġenda soċjali tal-UE 11
Nissalvagwardjaw il-kompetittività sostenibbli għas-seklu 21 12
**GĦAŻLA TA' PRIJORITAJIET TA' POLITIKA ABBAŻI TA' KONTRIBUT MIS-SEGRETARJAT** 13
Naċċelleraw l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) 13
L-involviment taż-żgħażagħ fil-klima u s-sostenibbiltà 13
Ekonomija Ċirkolari 13
Tranżizzjoni ekoloġika għall-industrija Ewropea 14
Sforz komprensiv għad-diġitalizzazzjoni tal-industrija Ewropea 14
It-tisħiħ tal-kompetittività globali u l-awtonomija strateġika miftuħa tal-industrija tal-UE 14
Riformi għal ekonomija tal-UE reżiljenti 15
L-ikkompletar tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali u tal-Unjoni Bankarja 15
Qafas Finanzjarju Pluriennali adattat biex ilaħħaq mal-isfidi tal-futur, inkluża politika ta' koeżjoni b'saħħitha 16
L-irkupru ekonomiku u soċjali mill-impatt tal-pandemija u tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u ż-żieda li dan kollu jġib miegħu fil-prezzijiet tal-enerġija u fl-għoli tal-ħajja 16
Id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt 16
Migrazzjoni 17
Viċinat sigur u stabbli 17
Ħidma mal-imsieħba għal soċjetajiet ekwi u ġusti li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem 17
Il-promozzjoni ta' kummerċ sostenibbli li huwa ta' benefiċċju għal kulħadd 18
Studji u valutazzjonijiet ta' politika: kif il-ħidma konsultattiva tal-KESE tista' tkun aktar ibbażata fuq l-evidenza 18
It-tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija tal-Ewropa u l-appoġġ għat-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika 19
Appoġġ għall-intraprenditorija fil-forom kollha tagħha: l-SMEs u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali 19
L-awtonomizzazzjoni tal-konsumatur għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali 20
Lil hinn mill-kriżi tal-enerġija: niksbu sigurtà tal-enerġija sostenibbli, ġusta u strateġika 20
Il-kontribut tal-politiki dwar l-akkomodazzjoni għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali 20
Nagħmlu t-trasport aktar ekoloġiku: nindirizzaw il-ħtiġijiet tal-utenti, taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili 21



Il-libertà, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt huma fost il-valuri fundamentali li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea. Dawn huma minquxa fit-Trattati tal-UE u jinsabu fil-qalba tal-identità tal-UE.

Madankollu, dawn il-valuri kienu taħt pressjoni kbira f'dawn l-aħħar snin. L-Ewropa ffaċċjat kriżijiet mingħajr preċedent, li amplifikaw l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi u xeħtu dubju fuq il-fiduċja taċ-ċittadini tal-UE fl-istituzzjonijiet demokratiċi. Il-valuri Ewropej tagħna ma jistgħux jitqiesu bħala fatt.

F'dawn iż-żminijiet diffiċli, l-appoġġ tas-soċjetà ċivili fil-ġbir tal-fehmiet taċ-ċittadini Ewropej huwa kruċjali għall-bini tar-reżiljenza demokratika u għat-tiswir tal-futur tal-Ewropa. Fl-istess ħin, is-soċjetà ċivili nnifisha teħtieġ aktar protezzjoni. L-ispazju li topera fih is-soċjetà ċivili qed jiċkien dejjem aktar, u dan jillimita l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jagħmlu xogħol leġittimu fl-UE u fil-bqija tad-dinja.

Matul il-mandat li jmiss, aħna fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) se nsaħħu l-pożizzjoni unika tagħna bħala portal bejn iċ-ċittadini, is-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet tal-UE, u naġixxu bħala pjattaforma ġenwina għal dibattitu onest u inkluživ.

Se niżguraw li l-bibien ta' darna jkunu miftuħin għal djalogu demokratiku sinifikanti u bbażat fuq il-fatti, li jinvolvi firxa wiesgħa ta' atturi soċjali, ekonomiċi, politiċi, kulturali u istituzzjonali. Fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna, se nħabirku biex niksbu kompromessi infurmati tajjeb li se jsaħħu l-pożizzjoni tal-Kumitat tagħna u jipprovdu kontribut sinifikanti għall-politiki tal-UE.

B'dan il-mod, flimkien mal-imsieħba istituzzjonali u tas-soċjetà ċivili tagħna, se nagħtu kontribut importanti lejn UE aktar reżiljenti, aktar inkluživa u aktar demokratika li se tispira lill-ġirien tagħna, kemm dawk fil-qrib kif ukoll dawk imbiegħda.

Huwa u jiffoka fuq dawn il-prijoritajiet ġodda, il-Kumitat tagħna se jkompli **jaħdem b'ħiltu kollha biex jiżgura progress soċjali, ekonomiku u ambjentali għall-Ewropej kollha**, billi jikkontribwixxi b'mod konsistenti għall-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea u jikkoopera b'mod effettiv mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE.

## *Bħala l-**President elett ġdid**, nixtieq niffoka fuq il-pilastri li ġejjin:*

- ***niddefendu d-demokrazija f'darna stess** billi nippromovu l-valuri fundamentali u l-istat tad-dritt, inqarrbu ċ-ċittadini lejn il-Kumitat tagħna billi nappoġġjaw id-demokrazija rappreżentattiva u diretta, u niżguraw il-kontribut tal-KESE għas-suċċess tal-elezzjonijiet Ewropej fl-2024;*
- ***niddefendu d-demokrazija 'l hinn mill-UE**, billi nistabbilixxu portal ġenwin tas-soċjetà ċivili għad-demokrazija u l-prosperità għall-ġirien u l-imsieħba tagħna, u nappoġġjaw soċjetajiet ċivili tal-UE b'saħħithom u reżiljenti;*
- ***insemmgħu leħinna favur l-Ewropa billi nagħmlu l-Kumitat tagħna aktar rappreżentattiv**, bl-involviment ta' ġenerazzjonijiet ġodda u membri sottorappreżentati tas-soċjetà tagħna f'ħidmietna;*
- ***insemmgħu leħinna favur l-Ewropa** billi nsaħħu l-kwalità tas-sensibilizzazzjoni tagħna u ħidmietna li tħares 'il quddiem, u niffukaw b'mod partikolari fuq il-prospettiva u r-rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, biex niżguraw li l-KESE jibqa' leħen qawwi u sinifikanti fid-demokrazija Ewropea tagħna;*

# NIDDEFENDU D-DEMOKRAZIJA *F'darna*

## Inqarrbu ċ-ċittadini

Sa mit-twelid tiegħu fl-1957, il-Kumitat tagħna kien pilastru tad-demokrazija parteċipattiva, u pprovda pjattaforma għaċ-ċittadini u l-partijiet interessati biex isemmgħu leħinhom fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE. Id-demokrazija parteċipattiva u deliberattiva ġiet diskussa l-aktar matul il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, u ċ-ċittadini esprimew ix-xewqa tagħhom li jkollhom influwenza strutturali fuq il-programm ta' ħidma annwali u l-prijoritajiet ta' politika tal-UE, u li l-KESE jista' jaqdi rwol kruċjali f'dan ir-rigward.

Ir-rwol tas-soċjetà ċivili fiż-żamma ta' demokrazija li tiffunzjona tajjeb huwa assolutament essenzjali. Id-demokrazija parteċipattiva mhijiex biss komplementari għad-demokrazija rappreżentattiva, iżda hija element kostitututtiv tagħha.

### *Bħala **l-President elett ġdid** tal-KESE, beħsiebni:*

- *inwaqqaf **panels parteċipattivi taċ-ċittadini ġestiti mill-KESE bi tħejjija għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew** fl-2024, li jikkontribwixxu għal riżoluzzjoni trasversali tas-Sezzjonijiet kollha tal-KESE bit-talbiet ewlenin tal-KESE għall-Parlament Ewropew il-ġdid u l-Kummissjoni Ewropea l-ġdida ("Il-Manifest Elettorali tal-KESE 2024");*
- *nistabbilixxi l-pedamenti għall-**użu regolari tal-panels parteċipattivi taċ-ċittadini fil-ħidma ta' kuljum tal-KESE** lil hinn mill-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li jmiss fl-2024;*
- ***nagħti ħajja ġdida lill-parteċipazzjoni attiva tal-KESE fl-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej** bħala strument ta' suċċess biex iċ-ċittadini jiġu involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE u biex jingħataw stadju demokratiku biex jinfluwenzaw il-leġiżlazzjoni tal-UE.*

Id-demokrazija parteċipattiva timxi id f'id mad-demokrazija rappreżentattiva (il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali) u d-demokrazija diretta (l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej). Matul il-mandat tiegħi, se niżgura li nsaħħaħ il-pożizzjoni tal-Kumitat bħala pjattaforma tabilħaqq inklużiva mmirata lejn il-futur.

## Niżguraw is-suċċess tal-elezzjonijiet Ewropej

Il-mandat il-ġdid tal-KESE se jwitti t-triq għal wieħed mill-pedamenti tad-demokrazija Ewropea: l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. L-elezzjonijiet jirrappreżentaw mument demokratiku kruċjali, bi kwistjonijiet Ewropej ewlenin fuq l-aġenda bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew, iż-żieda fl-estremiżmu u l-populiżmu, l-istat tad-dritt, il-futur tal-governanza ekonomika fost l-inugwaljanzi li qed jiżdiedu u l-isfidi li jirriżultaw mill-inċertezzi ġeopolitiċi.

Mingħajr is-salvagwardji u l-miżuri adatti, dawn l-elezzjonijiet jistgħu jagħtu lok għat-tixrid ta' diżinformazzjoni, propaganda u attakki ċibernetiċi li jippruvaw jinfluwenzaw il-voti taċ-ċittadini u jiddestabbilizzaw il-proċessi demokratiċi tagħna. L-isfidi organizzattivi għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni huma diversi u jinvolvu għadd ta' atturi, inkluża s-soċjetà ċivili. Il-konklużjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, li matulha ċ-ċittadini ħadmu fuq rakkomandazzjonijiet, jipprovdu wkoll raġunijiet leġittimi biex il-KESE jkollu rwol attiv bħala msieħeb ewlieni fit-tħejjija għal dawn l-elezzjonijiet.

### *Bħala **l-President elett ġdid** tal-KESE, beħsiebni:*

- *niżgura parteċipazzjoni soda tal-Kumitat tagħna, flimkien mas-soċjetà ċivili, f'attivitajiet u kampanji interistituzzjonali biex **tiżdied il-parteċipazzjoni tal-votanti bi tħejjija għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2024**;*
- ***nappoġġja lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-ġlieda tagħhom biex jiddefendu d-demokrazija, jiġġieldu d-diżinformazzjoni u l-influwenza barranija moħbija** billi nappoġġja u nieħu passi biex nimplimenta l-pakkett tal-Kummissjoni għad-Difiża tad-Demokrazija qabel l-elezzjonijiet Ewropej;*
- ***nappoġġja lill-Kummissjoni Ewropea fis-superviżjoni ta' pjattaformi online kbar ħafna** biex ittaffi r-riskji sistemiċi fir-rigward ta' proċessi demokratiċi u elettorali.*

## Nippromovu l-valuri fundamentali u l-istat tad-dritt

Ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili fil-livell nazzjonali qed jitolbu azzjonijiet robusti min-naħa tal-UE fir-rigward tal-valuri fundamentali u l-istat tad-dritt. Dawn iridu li l-UE tappoġġja r-rwol tas-soċjetà ċivili bħala għassies demokratiku, u jħeġġu lill-awtoritajiet jaġixxu sabiex jgħollu l-istandards tagħhom dwar oqfsa ta' kwalità għolja għall-ispazju ċiviku, il-finanzjament, il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-media, il-litigazzjoni abbużiva fil-konfront tal-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet u n-nondiskriminazzjoni.

Matul il-mandat il-ġdid, se nippromovi b'mod konsistenti d-demokrazija, id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt bħala prinċipji ta' gwida għall-attivitajiet kollha. Dan jikkonċerna l-ħidma tal-Kumitat tagħna, l-interazzjonijiet tagħna mal-istituzzjonijiet Ewropej u s-soċjetà ċivili, u r-relazzjonijiet internazzjonali tagħna, iżda wkoll l-inizjattivi politiċi, l-avvenimenti u l-pubblikazzjonijiet kollha tagħna. Jekk l-ispazju għas-soċjetà ċivili jiċkien, ifisser li d-demokrazija tiċkien ukoll u ma nistgħux nippermettu li dan iseħħ.

### *Bħala **l-President elett ġdid** tal-KESE, beħsiebni:*

- *nappoġġja **mandat imġedded u b'saħħtu għall-"Grupp tal-KESE dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Istat tad-Dritt"** tagħna, bil-għan li jkun hemm għarfien pubbliku dwar il-ħidma kruċjali li saret mill-Grupp u biex jissaħħaħ ir-rwol ta' għassies li taqdi s-soċjetà ċivili;*
- *nippromovi **"Test tas-Saħħa tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE"** biex l-iżviluppi li jaffettwaw is-soċjetà ċivili fl-Istati Membri tal-UE u fil-pajjiżi kandidati jiġu mmonitorjati b'mod attiv.*

# NIDDEFENDU D-DEMOKRAZIJA *’Il hinn mill-UE*

## Il-portal tas-soċjetà ċivili għad-demokrazija u l-prosperità

Il-futur tal-Unjoni Ewropea huwa marbut mill-qrib mal-istabbiltà u l-prosperità tal-ġirien tagħna fis-Sħubija tal-Lvant u l-Balkani tal-Punent. Se nkomplu nippromovu l-paċi, l-istabbiltà u l-integrazzjoni tagħhom.

Minħabba l-pressjoni li għaddejja mir-Russja fuq l-Ukrajna, il-Moldova, il-Georgia u pajjiżi oħra, se nsaħħaħ is-sħubijiet tagħna u nrawwem interkonnettività akbar bejn is-soċjetajiet ċivili tagħna, li huma l-qalba tad-demokrazija.

Billi jaġixxi bħala portal ġenwin tas-soċjetà ċivili għal dawn il-pajjiżi, il-KESE se jappoġġjahom u jagħtihom il-mezzi biex jiġġieldu għal-libertà, id-demokrazija, u integrazzjoni aktar mill-qrib. Se nipprovdulhom l-appoġġ meħtieġ fil-qafas tal-proċess tat-tkabbir biex niżguraw li jaġġornaw is-sistemi soċjoekonomiċi u demokratiċi tagħhom biex jilħqu l-istandards tal-UE bbażati fuq is-Suq Uniku, il-Patt Ekoloġiku u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

*Bħala **l-President elett ġdid** tal-KESE, beħsiebni:*

- ***inrawwem personalment kuntatti ta’ livell għoli ma’ pajjiżi kandidati** bħall-imsieħba tal-Balkani tal-Punent, l-Ukrajna, u l-Moldova fil-qafas tal-proċess ta’ tkabbir, u nippromovi l-ħidma tal-Pjattaformi tas-Soċjetà Ċivili komuni tagħna;*
- *għall-ewwel darba, **ninvolvi r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili mill-pajjiżi tal-adeżjoni mal-UE fil-ħidma konsultattiva ta’ kuljum** tal-Kumitat billi naħtar **membri onorarji tat-tkabbir**, b’mod partikolari fil-proċess tal-abbozzar tal-Opinjonijiet ewlenin.*

## Appoġġ għad-diplomazija mhux vinkolanti tal-UE għal soċjetajiet ċivili b’saħħithom u reżiljenti

Fid-dinja qed isseħħ battalja globali ta’ valuri u narrattivi, li fiha pajjiżi u reġjuni differenti qed jissieltu biex ikollhom influwenza. Huwa kruċjali li l-UE tippromovi u tħares il-valuri minquxa fit-Trattati tal-UE, fi ħdan l-UE iżda wkoll lil hinn minnha. Il-KESE se jaħdem fuq in-network tiegħu ta’ kuntatti tas-soċjetà ċivili biex isaħħaħ id-diplomazija tiegħu bbażata fuq il-valuri, li tinkludi oqsma bħat-tibdil fil-klima, il-kultura, u l-affarijiet soċjali u ekonomiċi fix-xena globali.

*Bħala **l-President elett ġdid** tal-KESE, beħsiebni:*

- ***inrawwem personalment il-kooperazzjoni ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali fl-ogħla livell** (jiġifieri n-Nazzjonijiet Uniti, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ);*
- ***nippromovi l-valuri li jibnu l-pedament tal-UE permezz tas-setgħa ta’ persważjoni** (kulturali, tal-enerġija u tal-klima, id-diplomazija blu) billi nikkontribwixxi għall-immappjar tal-azzjonijiet u l-inizjattivi eżistenti, insaħħaħ id-djalogu u l-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi terzi f’dawn l-oqsma u naħdem fuq Opinjonijiet imfassla apposta dwar dan.*

# INSEMMGĦU LEĦINNA FAVUR L-EWROPA *Vuċi aktar rappreżentattiva*

Il-KESE jipprovdi forum għaċ-ċittadini u l-partijiet interessati biex jesprimu l-fehmiet tagħhom fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE. Matul il-mandat li jmiss, se nibni fuq il-kisbiet tagħna u nħabrek biex inkabbar l-ambitu tar-rappreżentattività tal-KESE billi nwessa' l-bażi tal-partijiet interessati tagħna u billi nawtonomizza lil atturi ġodda biex jikkontribwixxu għall-politiki tal-UE.

## Forum għall-ġenerazzjonijiet il-ġodda

Id-deċiżjonijiet tal-lum qed jittieħdu biex jinbena futur b'saħħtu u ġust għall-ġenerazzjonijiet futuri. F'dan il-kuntest, huwa imperattiv li ż-żgħażagħ jesprimu l-fehma tagħhom dwar dawk id-deċiżjonijiet li ser ikollhom impatt fuqhom fil-preżent u fil-futur. Għandhom jiġu pprovduti bi pjattaforma biex iwasslu t-tħassib u l-ħtiġijiet tagħhom.

Għalhekk, matul il-mandat tiegħi, se nfittex li ninvolvi liż-żgħażagħ b'mod aktar attiv fit-tfassil tal-politika, bl-aktar mod adattat għalihom, flimkien ma' monitoraġġ u valutazzjoni bir-reqqa tal-proposti tal-KESE fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq il-ħajja taż-żgħażagħ.

### *Bħala **l-President elett ġdid** tal-KESE, beħsiebni:*

- ***noħloq "Grupp Ad hoc tal-KESE għaż-Żgħażagħ" dwar l-involviment taż-żgħażagħ** bil-mandat ċar li titkompla l-ħidma mibdija mill-Grupp ta' Koordinazzjoni għas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ;*
- ***nuża l-paġna web tal-KESE "Għal aktar involviment taż-żgħażagħ"** bħala għodda biex jintwerew u jiġu promossi azzjonijiet konkreti u attivitajiet organizzati mill-KESE u mill-membri tiegħu;*
- ***nibda nimplimenta b'mod immedjat it-Test taż-Żgħażagħ tal-UE fl-Opinjonijiet tal-KESE**, billi naħdem mill-qrib mas-Sezzjonijiet u s-CCMI biex niżgura li l-Opinjonijiet tal-KESE jirriflettu l-perspettivi taż-żgħażagħ fl-oqsma kollha ta' politika;*
- ***nespandi r-rwol tad-"Delegati taż-Żgħażagħ tal-KESE"** fil-ħidma ta' kuljum tal-KESE, kif muri mill-parteċipazzjoni b'suċċess tagħhom fid-delegazzjoni tal-KESE għall-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.*
- ***insaħħaħ l-attivitajiet fi ħdan il-KESE favur iż-żgħażagħ** taħt il-marka stabbilita tal-KESE "L-Ewropa Tiegħek, Leħnek!", b'mod partikolari fit-tħejjija għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2024;*
- ***nistabbilixxi kunsill konsultattiv għall-President dwar kwistjonijiet taż-żgħażagħ** li jipprovdi rakkomandazzjonijiet prammatiċi u orjentati lejn ir-riżultati, b'varjetà ta' perspettivi minn attivisti żgħażagħ, u se jagħmel proposti speċifiċi b'enfasi speċjali fuq it-tibdil fil-klima.*

## Forum aktar ugwali

Id-difiża tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-valuri fundamentali tibda f'darna stess. Huwa għalhekk li l-KESE se jagħti spinta lir-riformi interni tiegħu biex jiżgura aktar trasparenza, integrità u ġustizzja.

Il-KESE jopponi bil-qawwa kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni, inkluża d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandha l-għeruq tagħha fil-valuri li fuqhom hija mibnija l-UE u għandha tiġi promossa b'mod olistiku u orizzontali fil-livelli kollha.

L-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija prerekwiżit biex tinkiseb Ewropa aktar ġusta u aktar b'saħħitha. Anke hawnhekk għandu rwol x'jaqdi l-Kumitat, li jibda billi nservu ta' eżempju fil-kwalità tagħna bħala assemblea u permezz tad-deċiżjonijiet li nieħdu. Din hija r-raġuni għaliex neħtieġu impenn qawwi u ċar biex intejbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-Kumitat tagħna.

Matul il-mandat tiegħi, se nrawwem kontinwament kultura ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri tul il-ħajja, b'miżuri mfassla apposta għal kull stadju taċ-ċiklu tal-ħajja, fl-attivitajiet kollha tal-Kumitat. Mhux talli għandu jiġi integrat il-ġeneru fil-ħidma politika kollha tal-KESE, iżda talli l-preżenza tan-nisa fil-karigi tat-tmexxija għandha titħeġġeġ bil-qawwa fl-istituzzjoni tagħna.

### *Bħala **l-President elett ġdid** tal-KESE, beħsiebni:*

- ***insaħħaħ il-mandat tal-Grupp dwar l-Ugwaljanza** biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni, jiġi mmonitorjat il-progress u, fejn meħtieġ, jiġu proposti miżuri ta' aġġustament biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-għanijiet;*
- ***insir naf aktar dwar il-ħidma tal-istħarriġ tal-Grupp dwar l-Ugwaljanza dwar "L-inklużjoni tal-membri, id-distribuzzjoni tax-xogħol u l-benesseri"** u, fejn meħtieġ, nipproponi miżuri li jtejbu l-bilanċ bejn il-ġeneri fil-KESE;*
- ***inrawwem kollaborazzjoni strateġika mal-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill** fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki kollha rilevanti tal-UE;*
- ***norganizza round tables biex l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tiġi integrata** fil-ħidma u l-attivitajiet kollha tal-politika tal-KESE;*
- ***nippromovi soluzzjonijiet strutturali biex jiżdied il-proporzjon tan-nisa** fil-korpi kollha tal-Kumitat u nimmonitorja bir-reqqa l-progress permezz ta' rapporti regolari;*
- ***nagħti spinta lit-trasparenza tal-ħidma tal-KESE**, niżgura l-involviment strutturali fir-reġistru ta' trasparenza tal-UE u nappoġġja l-ħolqien ta' korp tal-etika tal-UE.*

# INSEMMGĦU LEĦINNA FAVUR L-EWROPA
# *Leħen b'saħħtu u sinifikanti*

## Istituzzjoni li tinstema' barra mill-ħitan tagħha

Bl-involviment ta' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati, il-KESE ser isaħħaħ il-missjoni tiegħu bħala korp konsultattiv għall-istituzzjonijiet tal-UE u bħala mezz aktar rappreżentattiv għall-partijiet interessati u ċ-ċittadini. F'dan il-kuntest, il-ħidma u l-prijoritajiet tal-KESE jridu jiġu kkomunikati lid-dinja esterna b'mod ċar. Riforma istituzzjonali bir-reqqa ser ikollha l-għan li ssaħħaħ leħen il-KESE u li dan il-leħen jinstema' aħjar. Matul il-mandat, se nappoġġja approċċ ġdid għall-ħidma tal-Kumitat sabiex ikun hemm sensibilizzazzjoni konsistenti mal-istituzzjonijiet u l-partijiet interessati tal-UE: messaġġi aktar ċar se jintbagħtu permezz ta' format aġġornat ta' Opinjonijiet, li jippermettu li jiġu identifikati b'mod dirett il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet importanti.

*Bħala **l-President elett ġdid** tal-KESE, beħsiebni:*

- *nippromovi preżenza konvinċenti u effettiva fil-media soċjali u **rinnovazzjoni sostanzjali tas-sit web tal-KESE** sabiex nippromovu aħjar l-attivitajiet, l-avvenimenti u d-dokumenti tagħna;*
- ***niżgura promozzjoni attiva u segwitu msaħħaħ tar-rakkomandazzjonijiet tal-KESE** lill-istituzzjonijiet u lill-partijiet interessati permezz ta' kooperazzjoni b'saħħitha fil-livelli kollha;*
- ***nimplimenta l-format il-ġdid tal-Opinjonijiet** biex ikun hemm identifikazzjoni ċara tar-rakkomandazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;*
- ***niftaħ l-għodda tal-IT NaviGate biex nirreklama l-ħidma tal-KESE** u l-Opinjonijiet tiegħu fi stadji differenti għall-partijiet interessati kollha.*

## Istituzzjoni bbażata fuq l-evidenza u li tħares 'il quddiem

Bħala dar is-soċjetà ċivili organizzata Ewropea, il-KESE huwa l-aħjar post biex jitqajmu u jiġu antiċipati l-preokkupazzjonijiet, il-problemi jew l-isfidi taċ-ċittadini. Għalhekk, hemm bżonn ta' approċċ ibbażat fuq l-evidenza u li jħares 'il quddiem għall-ħidma tal-Kumitat sabiex jikkontribwixxi bl-aħjar mod għall-aġenda politika tal-istituzzjonijiet tal-UE. Għalhekk, il-KESE jista' jaqdi rwol importanti biex jidentifika t-tendenzi tad-diversi proċessi ta' trasformazzjoni ta' żmienna.

L-adattament għaż-żminijiet li jinbidlu se jirrikjedi li jsir l-aħjar użu mill-mandat konsultattiv tal-KESE stabbilit fit-Trattat, billi jiġu identifikati u interpretati b'mod proattiv il-megatendenzi, jinstabu lakuni fil-leġiżlazzjoni u jiġu żviluppati proposti għal pjani ta' azzjoni komprensivi u tiġi inkorporata b'mod sistematiku d-dimensjoni tal-previżjoni fid-diskussjonijiet tagħna. Li tiġi żviluppata perspettiva li tħares 'il quddiem tal-ħidma tal-KESE ser tippermetti wkoll pożizzjonament aħjar fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tipproponi prijoritajiet ġodda għall-Kummissjoni li jmiss.

### *Bħala **l-President elett ġdid** tal-KESE, beħsiebni:*

- ***insaħħaħ ir-relazzjonijiet tal-KESE mal-gruppi ta' riflessjoni*** *billi ninvolvihom fit-tħejjija ta' Opinjonijiet partikolari;*
- ***nirrevedi l-metodoloġija tal-Opinjonijiet u nuża l-Opinjonijiet esploratorji u fuq inizjattiva proprja*** *biex niddetermina l-isfidi fit-tul kif imiss;*
- ***nappella għal summit annwali tal-KESE ta' gruppi ta' riflessjoni;***
- ***nimplimenta b'mod sistematiku analiżi ta' prospettiva fl-Opinjonijiet tagħna;***
- ***nibni fuq u nippromovi l-ħidma li saret taħt is-"Sejħa għal Patt Blu tal-UE"*** *bħala prijorità għall-prijoritajiet il-ġodda tal-Kummissjoni u Inizjattiva potenzjali taċ-Ċittadini tal-UE.*

Sa mit-Trattati ta' Ruma, u l-pedament tal-Kumitat tagħna, ir-rwol u s-setgħat tal-KESE żdiedu fl-importanza. Aħna u nħarsu 'l quddiem, u fid-dawl tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, qatt ma kienet eqreb Konvenzjoni ġdida biex jiġu riveduti t-trattati fundaturi tagħna. Irrid li l-KESE jkun lest jaqdi bis-sħiħ ir-rwol tiegħu f'dan il-proċess li jmiss.

### *Bħala **l-President elett ġdid** tal-KESE, beħsiebni:*

- ***inniedi analiżi bir-reqqa*** *tal-involviment tal-KESE u tas-soċjetà ċivili fin-negozjati preċedenti tat-Trattat u nesplora r-rwol futur potenzjali tiegħu billi* ***jinħoloq sett tal-aħjar prattiki u tiġi żviluppata proposta azzjonabbli għal rwol imsaħħaħ tal-KESE*** *sabiex jingħata aktar prominenza u jiżdiedu l-influwenza u l-viżibbiltà tiegħu, inklużi* ***rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal emendi tat-Trattat fejn dawn ikunu meħtieġa.***

# OLIVER RÖPKE, PRESIDENT TAL-KESE
## *Immexxu 'l quddiem l-aġenda soċjali tal-UE u nissalvagwardjaw il-kompetittività sostenibbli għas-seklu 21*

Din il-Presidenza qed tieħu t-tmexxija f'idejha fi żmien ikkaratterizzat mir-riperkussjonijiet soċjali, ġeopolitiċi u ekonomiċi ta' kriżi multidimensjonali: il-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19; l-aggressjoni militari kontinwa tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-pajjiżi ġirien, li thedded il-valuri tad-demokrazija u l-libertà; il-kriżi tal-għoli tal-ħajja; u l-instabbiltà bankarja globali reċenti. Fl-istess ħin, l-UE, flimkien mal-imsieħba internazzjonali tagħha, impenjat ruħha favur għanijiet klimatiċi li jeħtieġu azzjonijiet urġenti u sostnuti sabiex jiġi evitat falliment kollettiv li ma nistgħux nippermettu: għad trid tintlaħaq it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali. Il-kriżijiet multipli jirriskjaw li jimpedixxu r-reżiljenza tal-UE, jaggravaw l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi u jwasslu għal żieda fil-populiżmu u n-nazzjonaliżmu egoistiku.

Issa aktar minn qatt qabel, l-Unjoni Ewropea trid tieħu deċiżjonijiet strateġiċi biex tilħaq l-objettivi stabbiliti fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u fil-Patt Ekoloġiku tal-UE, bil-għan li tissaħħaħ ir-reżiljenza Ewropea u tinkiseb awtonomija strateġika miftuħa f'dinja internazzjonali bbażata fuq ir-regoli.

Il-futur tal-Ewropa, u b'mod aktar partikolari r-rwol tal-Unjoni Ewropea bħala proġett ta' paċi, valuri kondiviżi u benesseri għaċ-ċittadini tagħha, huwa fil-periklu. Is-soċjetà ċivili organizzata għandha rwol kruċjali x'taqdi biex tavvanza l-prijoritajiet ewlenin tal-lum. It-tisħiħ tar-reżiljenza tal-UE jirrikjedi li b'mod simultanju tiġi promossa s-sostenibbiltà soċjali, ekonomika u ambjentali tal-politiki tal-UE.

Il-KESE jsegwi programm ta' prijoritajiet politiċi bil-għan li tinħoloq UE aktar reżiljenti billi jħaffef il-pass tal-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku u Soċjali u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli sabiex tiġi ġestita t-tranżizzjoni doppja.

## Immexxu 'l quddiem l-aġenda soċjali tal-UE

Il-kriżijiet multipli li qed tiffaċċja l-UE ġabu magħhom il-ħtieġa li jiġi protett il-benesseri taċ-ċittadini u li tiġi enfasizzata l-inklużjoni soċjali. Barra minn hekk, it-trasformazzjoni tas-soċjetajiet tagħna kkawżata mit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali taffettwa l-mod kif l-Ewropej jgħixu, jikkunsmaw u jaħdmu.

30 sena wara li ġie stabbilit is-suq uniku, il-KESE jrid jiffoka l-isforzi tiegħu fuq il-konverġenza soċjali u ekonomika 'l fuq li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura. Approċċ ġust u ffukat fuq in-nies se jassigura d-drittijiet soċjali, jiżgura kondizzjonijiet deċenti tas-suq tax-xogħol u jiġġieled il-faqar u l-esklużjoni soċjali. F'dan il-kuntest, il-KESE jrid jappoġġja l-implimentazzjoni ta' Patt Ekoloġiku u Soċjali; l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli; u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Minħabba l-impatt sinifikanti tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali fuq l-impjiegi u x-xogħol, il-KESE jrid jappoġġja l-protezzjoni tal-ħaddiema u l-kondizzjonijiet sostenibbli tax-xogħol bil-għan li jiġu żgurati konverġenza soċjali u kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost il-ħaddiema kollha. Għalhekk, il-KESE jrid ikompli bl-attivitajiet tiegħu biex jappoġġja: il-promozzjoni tan-negozjar kollettiv, id-djalogu soċjali u l-involviment tal-ħaddiema inkluża d-demokrazija fuq il-post tax-xogħol; konverġenza 'l fuq fil-pagi u l-kondizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa; il-ġlieda kontra x-xogħol prekarju; azzjoni aktar b'saħħitha tal-UE sabiex tiġi eliminata d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri; u l-protezzjoni tal-impjiegi u l-introjtu permezz ta' miżuri li se jindirizzaw id-dimensjoni soċjali tal-kriżi tal-għoli tal-ħajja.

Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni ekwa u ġusta, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi tal-ħaddiema sabiex jinħolqu opportunitajiet ġodda u sabiex ikun hemm adattament għall-era diġitali huma komponenti kruċjali, speċjalment fil-kuntest tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet. Peress li t-tranżizzjoni doppja se taffettwa wkoll il-kondizzjonijiet tax-xogħol, huwa imperattiv li tittejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema u tad-drittijiet tax-xogħol, u li jiġu ġestiti l-bidliet teknoloġiċi u bidliet oħra fuq il-post tax-xogħol bl-involviment tal-imsieħba soċjali.

Il-protezzjoni tal-ħaddiema tfisser ukoll il-protezzjoni tal-iżjed ħaddiema vulnerabbli li jesperjenzaw inugwaljanzi soċjali. L-indirizzar tad-diskriminazzjonijiet kollha fis-suq tax-xogħol irid jibqa' prijorità, biex jiġu żgurati trattament ugwali u opportunitajiet indaqs. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-iżvilupp ta' miżuri strutturali sabiex tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fuq il-post tax-xogħol.

B'konsegwenza tal-kriżijiet multipli, l-inflazzjoni u ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija jaffettwaw lil kulħadd, speċjalment liċ-ċittadini vulnerabbli, lis-settur agrikolu u liż-żoni rurali. Il-livelli ta' faqar u l-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar qed jiżdiedu. F'dan il-kuntest, il-KESE jrid jaħdem biex jiżgura enerġija nadifa u affordabbli għal kulħadd, b'aċċess ugwali għall-enerġija bħala dritt fundamentali. Il-miżuri għall-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku u r-responsabbilizzazzjoni tal-konsumaturi fit-tranżizzjoni tal-enerġija jridu jkunu fil-qalba tal-prijoritajiet politiċi tal-KESE fil-qasam tal-enerġija. Il-KESE jrid jindirizza wkoll il-kwistjoni tal-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar u għandu jappoġġja politiki ta' akkomodazzjoni sostenibbli u inklużivi.

Fl-aħħar nett, il-bidliet li rriżultaw f'dawn l-aħħar snin mill-kriżijiet differenti wasslu għal pressjoni dejjem akbar fuq iċ-ċittadini, li xi drabi affettwaw il-benesseri mentali tagħhom. Biż-żieda fil-problemi tas-saħħa mentali fl-UE, il-KESE jrid jappoġġja approċċ komprensiv biex jindirizza dawn il-problemi, u jipproponi miżuri konkreti biex dawn jittejbu.

## Nissalvagwardjaw il-kompetittività sostenibbli għas-seklu 21

L-ekonomija tal-UE qed tiffoka fuq l-indirizzar tal-inflazzjoni u l-protezzjoni tal-istabbiltà finanzjarja, filwaqt li tissalvagwardja t-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali. L-objettiv ta' newtralità klimatika stabbilit għall-2050 qed iġiegħel lill-industrija tal-UE tadatta malajr għal teknoloġiji żero netti, u qed jaċċellera d-domanda għal materja prima kritika. Bl-istess mod, id-diġitalizzazzjoni qed iġġib magħha teknoloġiji ġodda bil-potenzjal li jinbidel il-mod kif naħdmu. Flimkien ma' proċess kontinwu ta' reġjonalizzazzjoni tal-kummerċ, dawn l-iżviluppi għandhom impatt fuq il-kompetittività tal-industrija tal-UE u s-suq intern.

Hija meħtieġa strateġija fit-tul biex jiġi protett il-mudell Ewropew tat-tkabbir ekonomiku, ibbażat fuq il-kompetittività sostenibbli, l-awtonomija strateġika miftuħa u l-kompetizzjoni ġusta. Element ewlieni f'dan l-isforz ser ikun is-suq uniku. Minkejja li qiegħed jiġi ċċelebrat it-30 sena tiegħu, is-suq uniku għadu mhux ikkompletat. Il-KESE ser jappella għal aktar sforzi biex in-negozji tal-UE ta' kull daqs (inklużi l-SMEs) jingħataw ambjent favorevoli biex jinnovaw, jinvestu u jikbru. Il-KESE ser jappoġġja suq uniku robust bħala sors ta' prosperità għan-negozji tal-UE u l-benesseri taċ-ċittadini tal-UE. Bl-istess mod, jeħtieġ li niżguraw li l-industrija tagħna hija lesta għat-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika sabiex jintlaħaq l-objettiv ta' kontinent newtrali għall-klima sal-2050. L-iżviluppi ġeopolitiċi reċenti wara l-gwerra kontinwa tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna wrew b'mod ċar li jeħtieġ li nnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tagħna, b'mod partikolari mill-materja prima kritika, l-enerġija u l-provvista tal-ikel, filwaqt li nibqgħu kompetittivi fuq skala globali. Il-KESE huwa konvint li politika industrijali reżiljenti tal-UE jeħtieġ li tibni fuq teknoloġiji nodfa u soluzzjonijiet ċirkolari, approċċ iffokat fuq il-bniedem u inkluživ għad-diġitalizzazzjoni, kif ukoll fuq approċċ sostenibbli għas-sigurtà tal-enerġija u awtonomija strateġika miftuħa fil-kummerċ internazzjonali.

Fl-aħħar nett, ir-rieżami tal-qafas ta' governanza ekonomika huwa kruċjali biex tinħoloq ekonomija aktar reżiljenti u sostenibbli tal-UE. Qafas aktar sempliċi, aktar trasparenti u effettiv b'sjieda nazzjonali akbar u infurzar aħjar ser jgħin biex tinbena ekonomija ekoloġika, diġitali u reżiljenti tal-futur, li b'hekk irawwem it-tkabbir inkluživ filwaqt li jiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fl-Istati Membri kollha. Dan, flimkien ma' Unjoni Bankarja u Unjoni tas-Swieq Kapitali msaħħa, ser jikkontribwixxi għal stabbiltà finanzjarja akbar fiż-żona tal-euro. Il-KESE ser ikompli jikkontribwixxi għaċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew u ser jappoġġja t-tlestija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali u tal-Unjoni Bankarja bħala stadji importanti ewlenin biex jiġi żgurat irkupru sostenibbli u inkluživ.

Il-KESE huwa konvint li l-UE ser tibqa' sors ta' prosperità u ser jikkontribwixxi dwar kif dawn l-isfidi jistgħu jiġu indirizzati, u fl-istess ħin jippromovi d-djalogu soċjali, il-pagi ġusti u s-sistemi ta' negozjar kollettiv bħala elementi kostitwenti kruċjali tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u tal-Mudell Soċjali Ewropew.

# GĦAŻLA TA' PRIJORITAJIET TA' POLITIKA ABBAŻI TA' KONTRIBUT MIS-SEGRETARJAT

## Naċċelleraw l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs)

Id-diversi kriżijiet interkonnessi globali li qed niffaċċjaw qed ipoġġu f'riskju sinifikanti l-vijabbiltà nnifisha li l-SDGs jintlaħqu sal-2030. Madankollu, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli għadhom il-pedament tagħna u l-boxxla tagħna bħala l-unika viżjoni universali għall-paċi, il-prosperità soċjoekonomika u s-sostenibbiltà ambjentali li għandna. In-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-inklużjoni soċjali, l-enerġija nadifa, l-aċċess universali għas-servizzi pubbliċi u l-konsum u l-produzzjoni responsabbli ser iwassal għal saħansitra aktar kriżijiet u rivalitajiet ġeopolitiċi.

Il-KESE għandu rwol ewlieni x'jaqdi biex javvanza l-implimentazzjoni tal-SDGs, kif muri mill-kontribut reċenti għar-Rieżami Volontarju tal-UE li għandu jitressaq quddiem iil-Forum Politiku ta' Livell Għoli fi New York fis-sajf tal-2023.

Għadd ta' kwistjonijiet speċifiċi se jistħoqqilhom l-attenzjoni speċjali tal-KESE: il-ħtieġa għal strateġija komprensiva tal-UE dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli biex tiġi żgurata l-koerenza tal-politiki; il-ħtieġa għal involviment aktar strutturat tas-soċjetà ċivili fil-proċess li fih il-KESE jista' jipprovdi spazju li jlaqqa' lis-soċjetà ċivili biex tkun f'kuntatt ma' dawk li jfasslu l-politika; u l-enfasi fuq id-dimensjoni soċjali tas-sostenibbiltà, peress li t-trasformazzjoni se tirnexxi biss jekk tkun ibbażata fuq appoġġ wiesa', tranżizzjoni ġusta u parteċipazzjoni attiva mill-partijiet kollha tas-soċjetà.

## L-involviment taż-żgħażagħ fil-klima u s-sostenibbiltà

L-aspett interġenerazzjonali tal-politiki dwar il-klima u l-iżvilupp sostenibbli u tal-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni jeħtieġ li jkun rifless f'involviment qawwi u sinifikanti min-naħa taż-żgħażagħ fl-istadji kollha tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, mill-abbozzar ta' proposti leġiżlattivi u inizjattivi sal-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u s-segwitu. L-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew tirrikjedi approċċ ġdid għal mudell ta' governanza b'diversi partijiet interessati li hu aktar inklużiv u li jpoġġi liż-żgħażagħ fil-qofol tal-proċess tal-involviment u jmur lil hinn minn laqgħat ad hoc u minn sempliċement sejħiet għal konsultazzjoni.

Il-KESE ser ikompli bl-isforzi tiegħu biex jinkludi l-ilħna taż-żgħażagħ fil-ħidma tiegħu, kif ukoll jappella lill-istituzzjonijiet l-oħra biex jinvolvu liż-żgħażagħ b'mod aktar strutturat u sinifikanti. B'mod partikolari, il-KESE ser: ikompli jorganizza r-Round Tables taż-Żgħażagħ dwar il-Klima u s-Sostenibbiltà, kif ukoll jinkludi delegat taż-żgħażagħ fid-delegazzjoni tal-KESE għal-laqgħat tal-COP tal-UNFCCC; japplika t-Test taż-Żgħażagħ tal-UE biex jiġi żviluppat approċċ konsistenti għall-involviment taż-żgħażagħ fi ħdan il-KESE u jesplora ideat dwar kif jistgħu jintlaħqu ż-żgħażagħ biex jiġu involuti, u fl-istess ħin jimplimenta fil-prattika r-Riżoluzzjoni tal-KESE dwar "Il-legat fit-tul tas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ: l-integrazzjoni u l-awtonomizzazzjoni taż-żgħażagħ".

## Ekonomija Ċirkolari

Il-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari hija storja ta' suċċess kbir ta' kif titrawwem l-ekonomija ċirkolari fl-Ewropa u lil hinn minnha. Il-Pjattaforma tappoġġja lin-negozji, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-awtoritajiet pubbliċi biex jaċċelleraw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari madwar l-Ewropa billi trawwem id-djalogu, tikkondividi l-għarfien u l-għarfien espert, u tiskambja prattiki tajbin permezz ta' sit web.

Il-KESE se jibni fuq is-suċċess tal-attivitajiet ewlenin ta' sensibilizzazzjoni tal-Pjattaforma, bħat-Taħditiet Ċirkolari tal-UE għal skambji ta' profil għoli dwar suġġetti topiċi tal-ekonomija ċirkolari u l-konferenza annwali tagħha. Il-kunsiderazzjonijiet tal-ekonomija ċirkolari jridu jiġu integrati wkoll f'oqsma oħra ta' politika, inklużi, pereżempju, is-sistemi tal-ikel sostenibbli u l-iżvilupp rurali.

## Tranżizzjoni ekoloġika għall-industrija Ewropea

L-objettiv tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE b'55 % qabel l-2030 huwa ta' sfida u jeħtieġ pjan direzzjonali ċar għal tranżizzjoni ġusta matul id-deċennji li ġejjin. Is-setturi industrijali kollha ser ikollhom bżonn jgħaddu minn tibdil profond. Kondizzjoni ewlenija għas-suċċess tat-tranżizzjoni tal-enerġija u tal-klima hija li ċ-ċittadini tal-UE jħaddnuha; għalhekk, għandu jiġi żgurat l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità tajba u għal prodotti affordabbli.

Il-Patt Blu tal-UE jżid dimensjoni ġdida mal-pjan direzzjonali tal-Patt Ekoloġiku propost mill-Kummissjoni. Il-KESE jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE għal din il-politika komprensiva ġdida tal-UE dwar l-ilma, u ser ikollu bżonn jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħha tul il-mandat tal-Kummissjoni li jmiss.

Għadd ta' kwistjonijiet speċifiċi jistħoqqilhom attenzjoni speċjali, b'mod partikolari: il-ħtieġa għal Patt Blu tal-UE. Il-KESE ser ikompli jiżgura l-koordinazzjoni ġenerali tas-segwitu ta' din it-tema trasversali; il-ħtieġa ta' appoġġ għall-ekoloġizzazzjoni tal-industriji, b'mod partikolari dawk intensivi fl-użu tar-riżorsi, kif ukoll appoġġ għall-adozzjoni tas-settur tat-teknoloġiji nodfa, inklużi t-teknoloġiji tal-użu effiċjenti tal-ilma; u l-ħtieġa ta' parteċipazzjoni fid-dibattiti ta' orjentazzjoni tal-UE dwar l-aspetti soċjali tat-tranżizzjoni tal-enerġija u l-klima, billi jiġi sfruttat l-għarfien espert tal-KESE biex jiġu identifikati l-isfidi u jiġu proposti soluzzjonijiet għal patt ġust għaċ-ċittadini tal-UE f'termini ta' impjieg u ta' prodotti, enerġija u servizzi affordabbli għal kulħadd.

## Sforz komprensiv għad-diġitalizzazzjoni tal-industrija Ewropea

Id-diġitalizzazzjoni tiftaħ xenarji ġodda għall-industrija tal-UE u għas-servizzi b'mod ġenerali, u ġġib magħha tipi ġodda ta' sfidi, bħat-tfassil ta' strumenti ta' appoġġ biex jiġi żgurat li l-industrija tal-UE, kbira u żgħira, ikollha l-istess kondizzjonijiet fl-akkwist ta' dawn it-teknoloġiji l-ġodda. Dan jinvolvi enfasi qawwija fuq il-futur tal-impjiegi industrijali, mhux biex jiġi evitat, iżda pjuttost biex jiġi ġestit it-tibdil li ser iġib miegħu dan il-proċess fl-industrija u s-soċjetà tagħna, u biex jitrawmu t-tranżizzjoni ġusta u l-approċċ iċċentrat fuq in-nies għal dawn il-bidliet.

Il-KESE se: jappoġġja l-iżvilupp b'konformità mal-istandards Ewropej ta' setturi teknoloġiċi ġodda bħall-metavers, u jiffoka fuq l-impatti tal-intelliġenza artifiċjali fis-setturi industrijali differenti; ikompli l-ħidma tiegħu rigward teknoloġiji ewlenin u avvanzati, inklużi suġġetti bħar-robotika u d-drones; ifittex li jkunu involut f'attivitajiet kollaterali li jappoġġjaw il-kompetittività industrijali ġenerali tal-UE, inkluża l-parteċipazzjoni f'alleanzi industrijali li jindirizzaw suġġetti ta' diġitalizzazzjoni abbażi tal-mudell tal-parteċipazzjoni fl-Alleanza Ewropea dwar il-Materja Prima; u jappoġġja involviment aktar strutturat tas-soċjetà ċivili fil-proċess, peress li t-trasformazzjoni tkun ta' suċċess biss jekk tkun ibbażata fuq appoġġ wiesa', tranżizzjoni ġusta u parteċipazzjoni attiva mill-partijiet kollha tas-soċjetà.

## It-tisħiħ tal-kompetittività globali u l-awtonomija strateġika miftuħa tal-industrija tal-UE

L-iżgurar tal-kompetittività ġenerali tal-industrija tal-UE ilu għan ewlieni tal-politika industrijali tal-Kummissjoni għal għadd ta' snin. Minbarra d-dimensjoni interna, ma hemmx dubju li ħafna kwistjonijiet relatati mad-dimensjoni esterna għandhom impatt qawwi fuq il-kompetittività industrijali tal-UE. Il-ħtieġa għal awtonomija strateġika miftuħa saret aktar evidenti. Jeħtieġ li tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' kif il-fondi pubbliċi u l-għajnuna mill-Istat jistgħu jiġu mobilizzati biex jappoġġjaw l-industrija mingħajr distorsjoni, u jiġu indirizzati wkoll il-kriterji għall-użu u l-allokazzjoni ta' tali fondi. Għal dan l-għan, il-KESE se jiffoka fuq il-ktajjen tal-valur strateġiċi.

Il-KESE se: jaħdem fuq strateġija komprensiva tal-UE dwar il-Materja Prima Kritika u ser ikompli jipparteċipa fl-Alleanza Ewropea dwar il-Materja Prima; jappoġġja ż-żieda fl-awtonomija miftuħa ta' setturi strateġiċi bħad-difiża, l-ispazju u ċ-ċipep; jikkontribwixxi għar-riflessjoni ġdida dwar il-mod kif il-kumpaniji jipproteġu lilhom infushom minn ksur tad-data, attakki ċibernetiċi u spjunaġġ diġitali.

## Riformi għal ekonomija tal-UE reżiljenti

L-ambjent ekonomiku attwali joħloq sfidi għall-implimentazzjoni tal-politiki ekonomiċi li fl-istess ħin huma mmirati biex inaqqsu l-inflazzjoni u jissalvagwardjaw it-tkabbir ekonomiku, l-impjieg u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-terminu medju u fit-tul. Il-KESE ser iressaq rakkomandazzjonijiet li jgħinu lil dawk li jfasslu l-politika biex jiżviluppaw politiki bl-għan li jiżguraw irkupru sostenibbli u inklużiv u l-bini ta' ekonomija tal-UE reżiljenti, u jindirizzaw it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali.

Il-KESE ser ikompli jressaq rakkomandazzjonijiet biannwali dwar ir-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-Kummissjoni Ewropea, sabiex jipprovdi kontribut politiku f'waqtu u aġġornat għall-proċess ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika fiċ-ċiklu annwali tas-Semestru Ewropew.

Il-KESE ser iressaq ukoll aktar rakkomandazzjonijiet għar-rieżami tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, peress li hemm bżonn ta' koordinazzjoni b'saħħitha tal-politika baġitarja u strutturali, kif ukoll sorveljanza ekonomika u fiskali effettiva.

Ser iressaq ukoll proposti għal riforma tal-proċeduri ta' konsultazzjoni u koordinazzjoni fis-Semestru Ewropew biex il-proċessi jsiru aktar sempliċi, aktar demokratiċi u trasparenti. Permezz tal-Grupp Ad Hoc dwar is-Semestru Ewropew speċifiku tiegħu, il-KESE ser ikompli bil-ħidma tiegħu biex iwettaq konsultazzjonijiet wiesgħa mas-soċjetà ċivili organizzata tal-UE biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-pjani nazzjonali fi ħdan il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u jiżgura l-involviment tas-soċjetà ċivili kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali.

## L-ikkompletar tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali u tal-Unjoni Bankarja

Is-swieq finanzjarji tal-UE jeħtieġ li jkunu integrati u stabbli sabiex jappoġġjaw l-irkupru Ewropew u biex l-UE terġa' taqbad id-direzzjoni it-tajba ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u dejjem aktar diġitali li hija kkaratterizzata minn tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv. L-irkupru jiddependi b'mod kruċjali mill-kapaċità tas-swieq finanzjarji Ewropej li jiżguraw biżżejjed likwidità u kondivizjoni aħjar tar-riskju. Huwa essenzjali li jittieħdu passi deċiżivi biex jiġu żviluppati Unjoni tas-Swieq Kapitali effiċjenti u integrata u Unjoni Bankarja kompluta, li jkopru l-Istati Membri kollha u jkunu mmirati lejn aktar armonizzazzjoni u t-tneħħija ta' ostakli transfruntiera, u fl-istess ħin jissalvagwardjaw regolazzjoni u sorveljanza sodi. Il-Kummissjoni Ewropea mistennija tkompli timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni għall-Bini ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali, u r-rieżami tal-qafas attwali dwar is-superviżjoni bankarja, l-insolvenza u l-iskemi ta' riżoluzzjoni u ta' garanzija tad-depożiti ser ikunu ta' importanza notevoli.

Fin-nofs mandat li jmiss, il-KESE se: jaħdem fuq oqsma ta' politika ewlenin, bħall-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-iskemi ta' assigurazzjoni ta' depożitu; jikkontribwixxi għad-dibattitu dwar il-finanzi sostenibbli; jorganizza seduti pubbliċi dwar dawn is-suġġetti importanti; jimmira li jżid il-parteċipazzjoni tar-relaturi tal-KESE fil-laqgħat u s-seduti tal-Kumitat ECON fi ħdan il-Parlament Ewropew; u jiżviluppa kuntatt aktar mill-qrib mar-Rappreżentanza Permanenti għall-UE ta' dawk il-pajjiżi li jkollhom il-Presidenza tal-UE tal-Kunsill, biex tiġi promossa parteċipazzjoni aktar attiva tal-membri tal-KESE f'avvenimenti ewlenin, bħas-Seminar ta' Livell Għoli u l-Forum Finanzjarju tal-EUROFI.

## Qafas Finanzjarju Pluriennali adattat biex ilaħħaq mal-isfidi tal-futur, inkluża politika ta' koeżjoni b'saħħitha

Il-KESE kemm-il darba talab li l-Qafas Finanzjarju Pluriennali jkun immirat lejn l-impjiegi, it-tkabbir u l-kompetittività, u appella għal baġit b'saħħtu tal-UE mogħni b'riżorsi finanzjarji proporzjonati biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni. Il-KESE ser ikompli jiddiskuti kif il-baġit tal-UE jista' jiġi ffinanzjat aktar permezz ta' riżorsi proprji ġenwini.

Il-politika ta' koeżjoni trid taqdi rwol ewlieni biex jiġi żgurat irkupru bbilanċjat lejn tkabbir kontinwu, titrawwem il-konverġenza, jiġu miġġielda l-inugwaljanzi u jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Il-KESE ser ikompli jisħaq li l-koeżjoni għandha tgħin biex jintlaħaq progress fl-implimentazzjoni tal-politiki li jintlaħaq qbil dwarhom fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni u l-aċċessibbiltà tas-servizzi, ir-riindustrijalizzazzjoni, l-SMEs u s-servizzi tal-broadband fir-reġjuni.

Il-KESE ser: ifassal Opinjoni dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali; jagħmel proposti lill-Kummissjoni dwar riżorsi proprji ġodda għall-baġit tal-UE, fuq talba mill-Kummissjoni; ifassal Opinjoni dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni wara l-2027; ikompli jressaq proposti għal politika ta' koeżjoni li tikkorrispondi għall-ħtiġijiet reali taċ-ċittadini tal-UE u tissodisfa l-għanijiet fit-tul ta' konverġenza fost ir-reġjuni tal-UE; u jfassal Opinjoni dwar iż-żoni skarsament popolati, il-gżejjer tal-UE u ż-żoni muntanjużi biex jiġi enfasizzat li r-reġjuni kollha tal-UE jeħtieġ li jkollhom tkabbir bilanċjat u żvilupp.

## L-irkupru ekonomiku u soċjali mill-impatt tal-pandemija u tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u ż-żieda li dan kollu jġib miegħu fil-prezzijiet tal-enerġija u fl-għoli tal-ħajja

Il-KESE tkellem b'mod konsistenti favur il-konverġenza 'l fuq u politika soċjali aktar effettiva kemm fil-livell tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri. L-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tafferma mill-ġdid l-impenn kondiviż għall-Mudell Soċjali Ewropew.

Fit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali li għaddejja bħalissa, il-forom ġodda ta' xogħol, il-protezzjoni tad-drittijiet kollettivi, l-impatt fuq il-kondizzjonijiet tax-xogħol, il-ġlieda kontra livell għoli tal-qgħad, ix-xogħol prekarju u l-faqar, l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-inklużjoni u l-ugwaljanza fl-aspetti kollha li jkopru, u l-ħiliet, ser ikomplu jkunu kwistjonijiet importanti li jeħtieġ li jiġu indirizzati.

L-iżviluppi reċenti fl-Intelliġenza Artifiċjali għandhom il-potenzjal li jibdlu b'mod fundamentali l-ħtieġa għal ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet, u potenzjal li jfixklu l-proċessi ekonomiċi u tal-produzzjoni.

Fit-tieni nofs mandat, il-KESE se jiffoka fuq: l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, il-forom ġodda ta' xogħol u l-impatt fuq l-impjieg taż-żgħażagħ u tan-nisa, is-sistemi ta' protezzjoni soċjali (il-kura u l-ugwaljanza fl-aspetti kollha tagħha, inkluża l-ugwaljanza fl-introjtu); l-impatt tal-intelliġenza artifiċjali fuq is-suq tax-xogħol u l-impjieg; u l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni taż-żgħażagħ/it-Test taż-Żgħażagħ tal-UE.

## Id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt

Id-drittijiet u l-valuri fundamentali u l-istat tad-dritt għadhom fil-periklu f'ħafna pajjiżi, li fihom insibu movimenti populisti li qed jikbru u rigress fid-demokrazija.

L-intelliġenza artifiċjali għandha l-potenzjal li żżid b'mod massiv id-diżinformazzjoni mmirata, li tissostitwixxi ħaddiema umani b'livell għoli ta' ħiliet f'varjetà kbira ta' funzjonijiet, u li tintuża għall-koerċizzjoni u l-kontroll.

Il-KESE se jappoġġja bis-sħiħ l-implimentazzjoni tal-pakkett tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-Difiża tad-Demokrazija, u se jiffoka fuq id-drittijiet fundamentali fl-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali.

## Migrazzjoni

Il-migrazzjoni se tkompli tiġi xprunata mill-kunflitt, it-tibdil fil-klima u l-inugwaljanza ekonomika. Il-KESE se jiffoka fuq ġestjoni tal-migrazzjoni li tkun konformi mal-obbligi skont id-dritt tal-UE u dak internazzjonali u li tqis l-iżvilupp demografiku u l-ħtiġijiet ekonomiċi tal-UE.

## Viċinat sigur u stabbli

Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna mhijiex biss theddida għall-valuri li huma l-pedament tal-Unjoni Ewropea, iżda hija wkoll il-prova aħħarija li l-ordni dinji bbażat fuq ir-regoli huwa kkontestat u li dħalna f'fażi ġeopolitika aktar instabbli, li ser ikollna bżonn nimmaniġġjaw flimkien.

Il-viċinanza immedjata tagħna għandha tibqa' l-prijorità tagħna. Is-Sħubija tal-Lvant tqiegħdet taħt pressjoni qawwija f'dawn l-aħħar snin, l-ewwel bid-deċiżjoni tal-Belarussja li tissospendi l-parteċipazzjoni tagħha u mbagħad bil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalkemm il-Belarussja għadha taħt l-oppressjoni ta' dawk li fnew id-demokrazija tagħha, l-Ukrajna qed tiġġieled għal-libertà tagħha, u l-Moldova qed tkompli fi triqitha lejn l-Ewropa minkejja l-pressjoni kostanti min-naħa tar-Russja.

Fin-nofs il-mandat li jmiss, il-KESE se jaħdem biex ikompli jsaħħaħ u jippromovi l-ħidma tal-Pjattaformi tas-Soċjetà Ċivili UE-Ukrajna, UE-Moldova u UE-Georgia, li nħolqu permezz tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni ma' dawn il-pajjiżi. Il-ħidma regolari u l-laqgħat ta' dawn il-pjattaformi huma strumentali biex dawn il-pajjiżi jimxu fi triqithom lejn l-integrazzjoni Ewropea. Se jinżammu wkoll rabtiet kontinwi mas-soċjetà ċivili tal-Armenja permezz tal-pjattaforma li nħolqot apposta tas-soċjetà ċivili.

Il-KESE ser ikompli jappoġġja lis-soċjetà ċivili indipendenti fil-Belarussja u lil hinn minnha, li tinsab taħt pressjoni enormi mir-reġim. Ser insegwu wkoll l-iżviluppi tas-soċjetà ċivili fl-Ażerbajġan u ninsistu għal djalogu ċivili u soċjali ġenwin.

Il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent ilhom snin jistennew is-sħubija. Is-soċjetà ċivili tagħhom tikkoopera b'mod kostanti mal-KESE u tħeġġeġ titjib kontinwu fl-allinjament tal-pajjiżi tagħhom mal-liġi u l-valuri Ewropej sabiex fl-aħħar mill-aħħar l-isforzi tagħhom biex ikunu parti mill-familja Ewropea jagħmlu l-frott, anke għal raġunijiet ta' paċi u stabbiltà fiż-żona.

Id-djalogu għandu jkompli mal-pajjiżi tal-Mediterran, li ħafna minnhom jinsabu f'sitwazzjoni politika delikata u qed jiffaċċjaw sfidi soċjali u ekonomiċi enormi. Is-Summit tal-Euromed tal-KESE ser ikompli jippromovi djalogu soċjali sinifikanti fir-reġjun u jiffoka fuq prijoritajiet komuni bħall-adattament għat-tibdil fil-klima, is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u l-ġestjoni effettiva tal-flussi migratorji.

## Ħidma mal-imsieħba għal soċjetajiet ekwi u ġusti li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem

Illum, qed naraw żieda fl-inugwaljanzi fuq skala globali. Il-pandemija tal-COVID aggravat is-sitwazzjoni, u ħassret snin ta' progress, u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna ddevjat l-attenzjoni minn sfidi kritiċi oħra. Il-komunità internazzjonali jeħtieġ li tkompli bl-isforzi tagħha biex tnaqqas l-inugwaljanzi u tikkonferma l-aderenza tagħha mal-ordni multilaterali bbażat fuq ir-regoli u d-drittijiet universali tal-bniedem. Is-sena 2023 tipprovdi l-aħjar momentum għal dan: l-2023 tfakkar il-ħamsa u sebgħin anniversarju tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948. Is-sena 2023 hija wkoll pass importanti għal rieżami ta' nofs it-terminu tal-SDGs.

Il-KESE se jikkontribwixxi għal dawn l-isforzi billi: jaħdem flimkien mas-soċjetà ċivili mill-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku u mill-pajjiżi tal-Amerka Latina sabiex jippromovi l-impenji ewlenin għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u d-Dikjarazzjoni Universali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, fosthom id-drittijiet fundamentali tax-xogħol u tal-ġeneru; jimmonitorja kif l-implimentazzjoni tal-proġetti taħt l-Inizjattiva tal-Global Gateway tal-UE qed tikkontribwixxi għall-kisbiet ta' dawn l-objettivi; jirrifletti permezz ta' Opinjonijiet u attivitajiet speċifiċi dwar it-tisħiħ tad-diplomazija dwar il-klima tal-UE, il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-influwenza barranija, u dwar il-kontribut li s-soċjetà ċivili tista' tagħti għat-tisħiħ tal-multilateraliżmu u l-prinċipji internazzjonali ewlenin għal ordni bbażat fuq ir-regoli f'dinja li qed tinbidel b'rata mgħaġla.

## Il-promozzjoni ta' kummerċ sostenibbli li huwa ta' benefiċċju għal kulħadd

Il-monitoraġġ tan-negozjati, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-ftehimiet kummerċjali mis-soċjetà ċivili huwa essenzjali biex tiġi ppreservata l-kompetittività tal-UE u tissaħħaħ ir-reżiljenza fi żminijiet ta' kriżi.

Il-KESE ser: ikompli jipprovdi appoġġ amministrattiv u ta' politika għall-Gruppi Konsultattivi Domestiċi stabbiliti mill-ftehimiet kummerċjali tal-UE; jiżgura li kwalunkwe nuqqas fid-drittijiet ambjentali u tax-xogħol jiġi indirizzat b'mod effettiv fl-UE u fil-pajjiżi msieħba; jippromovi s-sostenibbiltà tal-kummerċ fil-livell tal-UE u fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ permezz tal-organizzazzjoni tat-2 Forum tas-Soċjetà Ċivili Ewropea dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli.

## Studji u valutazzjonijiet ta' politika: kif il-ħidma konsultattiva tal-KESE tista' tkun aktar ibbażata fuq l-evidenza

"Permakriżi", "polikriżi": qed jinħoloq kliem ġdid sabiex jipprova jiddeskrivi s-sitwazzjoni u l-avvenimenti drammatiċi li jfixlu u jħallu impatt profond fuq is-soċjetajiet tagħna.

Dan enfasizza l-vulnerabbiltajiet u n-nuqqas ta' tħejjija tal-UE għall-isfidi ta' dinja li tinsab fi kriżi permanenti, u jħeġġiġna naġixxu u nirreaġixxu b'mod adegwat. Madankollu, it-tweġiba ma tistax tkun it-tentattiv li nippruvaw kontinwament nindirizzaw u nimmitigaw kriżi permezz ta' miżuri għal perjodu ta' żmien qasir meta din tolqotna. Jeħtieġ li l-UE tantiċipahom qabel ma dawn iseħħu, u possibbilment tipprova tevitahom. Għalhekk, jeħtieġ li nesploraw, nantiċipaw u saħansitra nippruvaw infasslu l-futur.

Il-KESE, bis-saħħa tal-għarfien tal-membri u n-networks tiegħu, huwa perfettament adatt biex jikkontribwixxi għal dan il-proċess tal-UE, u b'hekk il-prospettiva tal-UE ssir proċess aktar effiċjenti u parteċipattiv.

Għal dan l-għan, il-KESE jeħtieġ li jkollu impatt u kontribut dejjem akbar fl-attivitajiet ta' prospettiva tal-UE, b'mod partikolari billi jiżviluppa r-rwol tiegħu fl-Aġenda ta' Prospettiva Strateġika tal-UE u, b'mod aktar speċifiku, fl-abbozzar tar-Rapport ta' Prospettiva Strateġika annwali, li min-naħa tiegħu jikkontribwixxi għad-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni. Il-KESE, billi jixpruna, jiġbor u jwassal il-fehmiet tal-partijiet interessati, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-gruppi ta' riflessjoni u l-esperti, b'hekk se jissodisfa r-rwol tiegħu ta' rappreżentant tas-soċjetà ċivili u jiżgura prospettiva tassew parteċipattiva tal-UE.

Il-KESE ser ikompli jiżviluppa l-kooperazzjoni tiegħu mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE, kemm permezz tar-relazzjonijiet bilaterali kif ukoll fi ħdan in-network interistituzzjonali tal-UE tal-ESPAS.

Sabiex jisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tiegħu, il-KESE ser ikompli jissensibilizza lill-membri u lill-persunal tiegħu dwar l-importanza ta' approċċ ibbażat fuq il-prospettiva fil-ħidma tiegħu, u jibni l-kapaċità tagħhom permezz ta' taħriġ regolari, l-organizzazzjoni ta' seminars u konferenzi, u l-parteċipazzjoni f'avvenimenti esterni ta' prospettiva.

Il-leġiżlazzjoni u t-tfassil tal-politika tal-UE jeħtieġ li jkunu bbażati fuq l-evidenza, biex iqisu aħjar dak li ħadem u x'ma ħadimx, x'jeħtieġ li jinbidel u jittejjeb kif ukoll dak li s-soċjetajiet tagħna, iċ-ċittadini tagħna u l-Ewropa verament jeħtieġu sabiex jiffaċċjaw l-isfidi enormi li qed jiffaċċjaw.

Il-programm ta' studji annwali qed jintuża dejjem aktar mis-servizzi tal-KESE bħala appoġġ jew għall-implimentazzjoni ta' prijoritajiet ta' politika, prinċipalment billi jikkummissjonaw esperti esterni biex jirriċerkaw kwistjonijiet topiċi ta' tħassib għas-soċjetà ċivili organizzata, u b'hekk jipprovdu bażi ta' evidenza dejjem tikber għall-ħidma leġiżlattiva tagħna.

Wieħed mill-għanijiet fuq terminu medju tal-programm ta' studji huwa li jitwettqu valutazzjonijiet aktar progressivi u parteċipattivi li jistgħu jiġu rieżaminati biex jinbnew u jitwessgħu l-kapaċitajiet ta' prospettiva.

Il-KESE se jiżviluppa l-kontribut tiegħu għall-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar, billi jġib il-valur miżjud tal-perspettiva tas-soċjetà ċivili fil-fażi ta' valutazzjoni taċ-ċiklu ta' politika leġiżlattiva tal-UE permezz ta' evalwazzjonijiet ex post, kif ukoll biex il-ħidma konsultattiva tal-KESE ssir aktar ibbażata fuq l-evidenza.

## It-tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija tal-Ewropa u l-appoġġ għat-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika

Il-kompetittività tal-industrija Ewropea se tibqa' suġġett ewlieni fis-snin li ġejjin. Inizjattivi reċenti biex jappoġġjaw l-industriji nazzjonali fi nħawi differenti tad-dinja qajmu ħafna tħassib fl-UE. L-UE jeħtiġilha tirrispondi, iżda fl-istess ħin tissalvagwardja l-integrità tas-Suq Uniku tagħha. Madankollu, il-kompetittività tal-industrija ma tistax titqies illum mingħajr l-aspett ekoloġiku tagħha. Għalhekk, l-objettiv tal-UE ma għadux biss li żżomm bażi industrijali kompetittiva, iżda wkoll li tiffinanzja tranżizzjoni lejn industrija sostenibbli, tikseb in-newtralità karbonika sal-2050, tiddekarbonizza l-industrija tal-Ewropa u tiggarantixxi aċċess għal enerġija affordabbli ħielsa mill-fjuwils fossili.

Barra minn hekk, huwa kruċjali wkoll li jitqiesu l-interessi tal-ħaddiema f'din l-ekwazzjoni. It-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju x'aktarx ser ikollha impatti sinifikanti fuq l-impjiegi u l-opportunitajiet ta' impjieg, b'mod partikolari f'industriji li jiddependu ħafna mill-fjuwils fossili. Fl-istess ħin, hija tista' titqies ukoll bħala opportunità biex jinħolqu impjiegi f'ekosistemi industrijali ġodda u ssir enfasi fuq kompetenzi speċifiċi li għandhom jinħolqu fil-livell tal-Istati Membri u tar-reġjuni.

Il-KESE se jkompli l-ħidma tiegħu fuq il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku. Il-KESE se jipprovdi rispons komprensiv għall-aspetti differenti tal-inizjattiva tal-Kummissjoni, li se jeħtieġu attenzjoni u azzjoni politika. Għandu jiġi żgurat segwitu adegwat min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea, mill-Presidenzi b'rotazzjoni tal-Kunsill u minn istituzzjonijiet oħra.

Il-KESE ser ikollu jindirizza wkoll id-domanda dejjem tikber għal forza tax-xogħol b'ħiliet u persunal b'għarfien fl-amministrazzjonijiet pubbliċi li huma inkarigati bil-kompitu li jivvalutaw id-diversi proġetti industrijali.

Se tingħata attenzjoni wkoll lill-implimentazzjoni tal-politiki u l-istrateġiji tal-UE, billi jiġu definiti għodod aħjar biex jitkejjel l-impatt tagħhom mhux biss fuq l-ekonomija, iżda wkoll fuq is-soċjetà.

## Appoġġ għall-intraprenditorija fil-forom kollha tagħha: l-SMEs u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali

L-intraprenditorija fil-forom u s-setturi kollha ta' attività tagħha (inklużi t-turiżmu, l-industrija, l-ekonomija tal-pjattaformi, l-ekonomija soċjali) hija essenzjali għat-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni, l-impjieg u l-inklużjoni soċjali. Huwa kruċjali li tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali tal-SMEs u li jiġu identifikati l-ostakli li għadhom qed jiffaċċjaw meta jaċċessaw is-Suq Uniku.

L-SMEs se jkollhom ukoll rwol sinifikanti fil-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku, peress li huma jirrappreżentaw il-maġġoranza l-kbira tan-negozji fl-UE u għandhom il-potenzjal li jixprunaw l-innovazzjoni u jippromovu s-sostenibbiltà.

Il-KESE jkompli jaqdi rwol importanti fil-livell interistituzzjonali fil-promozzjoni tal-intraprenditorija soċjali u l-ekonomija soċjali, u fil-monitoraġġ tal-impatt tal-iżviluppi f'dan is-settur fuq l-SMEs tradizzjonali. Mill-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Soċjali 'l hawn, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali saru saħansitra aktar rilevanti fil-kisba ta' ekonomija reżiljenti u t-tranżizzjoni ġusta.

Il-KESE se: jakkumpanja t-trasformazzjoni sostenibbli tal-SMEs billi jiġbor u jxerred l-aħjar prattiki; jesplora r-rwol u l-appoġġ għall-SMEs fil-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku; isaħħaħ ir-reżiljenza finanzjarja tal-SMEs u jagħti kontribut għall-Pakkett ta' Għajnuna li jmiss għall-SMEs (Direttiva dwar il-Ħlas Tard); jappoġġja l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Soċjali billi jikkopera mill-qrib mal-Presidenzi b'rotazzjoni tal-Kunsill; u jagħti kontribut għall-proposta tal-Kummissjoni dwar Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' kondizzjonijiet qafas tal-ekonomija soċjali.

## L-awtonomizzazzjoni tal-konsumatur għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali

Il-kisba tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku teħtieġ il-kontribut ta' kull Ewropew. Aktar u aktar konsumaturi qed isiru konxji li jistgħu jagħmlu differenza billi jadattaw ix-xejriet tal-konsum tagħhom. Għalkemm il-konsumaturi jixtiequ jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, hemm ostakli matul il-proċess.

Jeħtieġ li l-UE ssaħħaħ id-drittijiet tal-konsumatur u tikkontribwixxi għal ekonomija ċirkolari, nadifa u ekoloġika tal-UE. Il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar ix-xiri u għalhekk jikkontribwixxu għal konsum aktar sostenibbli.

Il-KESE ser ikompli jibni fuq ir-relazzjoni ta' ħidma produttiva tiegħu mal-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew dwar kwistjonijiet tal-konsumatur. L-organizzazzjoni tal-Jum Ewropew tal-Konsumatur, li huwa avveniment annwali ewlieni tal-KESE, għadha prijorità. Dan l-avveniment ser ikompli jipprovdi leħen lill-konsumaturi kull sena biex jixħet dawl fuq id-dibattiti attwali.

Il-KESE se jieħu sehem ukoll fil-proċess ta' segwitu tal-Opinjonijiet dwar il-Patt Blu u jikkunsidra li jinkorpora dan is-suġġett fil-qafas tal-konsum sostenibbli.

## Lil hinn mill-kriżi tal-enerġija: niksbu sigurtà tal-enerġija sostenibbli, ġusta u strateġika

Il-kriżijiet tal-enerġija li bdew fl-2021, u li kienu aggravati mill-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna fl-2022, imponew reazzjoni rapida għall-politiki dwar l-enerġija fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri. F'din l-aħħar sena, inħarġet leġiżlazzjoni ġdida dwar il-ħżin tal-gass, il-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, il-prezzijiet tal-elettriku, sorsi alternattivi għall-provvisti tal-enerġija, infrastrutturi ġodda tal-enerġija u miżuri ta' tassazzjoni eċċezzjonali.

Għadd ta' politiki speċifiċi, marbuta mal-kriżi attwali, se jeħtieġu attenzjoni kontinwa, li tiffoka fuq ir-rwol ewlieni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-promozzjoni tal-interessi soċjali u tax-xogħol u dawk ċivili; il-ġustizzja mal-atturi ekonomiċi; u l-preservazzjoni tal-għan kondiviż ta' tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali ġusta: li jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku; it-taħriġ tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forzi tax-xogħol; li jiġu adottati forom ġodda ta' produzzjoni u konsum tal-enerġija, speċjalment permezz tal-komunitajiet tal-enerġija lokali; u l-introduzzjoni ta' riforma tas-swieq tal-elettriku li tippreserva l-kondizzjonijiet ekonomiċi ekwivalenti fis-suq intern tal-UE.

## Il-kontribut tal-politiki dwar l-akkomodazzjoni għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali

L-akkomodazzjoni qed titqies dejjem aktar minn atturi differenti bħala xprun ewlieni fi kwalunkwe politika mmirata lejn il-kisba tal-koeżjoni soċjali u l-benesseri kondiviż. L-indirizzar tal-politiki dwar l-akkomodazzjoni fl-Istati Membri se jkun kruċjali biex jinkiseb kontribut reali f'għadd ta' oqsma.

Taħt il-Presidenza l-ġdida tal-KESE, se jiġu indirizzati l-prijoritajiet li ġejjin: l-affordabbiltà tal-prezzijiet sabiex tiġi mittigata l-inflazzjoni; iżolazzjoni effettiva biex nikkontribwixxu għall-effiċjenza enerġetika; il-bidla lejn l-użu ta' materjali tal-bini sostenibbli biex nikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika; l-iżvilupp urban sostenibbli biex niffaċilitaw it-trasport urban adatt, niksbu l-koeżjoni territorjali u jiġu mittigati l-inugwaljanzi.

## Nagħmlu t-trasport aktar ekoloġiku: nindirizzaw il-ħtiġijiet tal-utenti, taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

It-tħaffif tal-pass tat-trasformazzjoni u l-ekoloġizzazzjoni tal-mezzi kollha tat-trasport se jkunu komponent ewlieni tat-tranżizzjoni ekoloġika. Hawnhekk ukoll, jeħtieġ li jitwasslu l-ilħna tal-ħaddiema tat-trasport, tal-konsumaturi, tal-kumpaniji u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Fin-nofs mandat li jmiss, il-KESE se jagħti attenzjoni lill-iżvilupp ta' proposti leġiżlattivi li jiffukaw fuq: it-tnaqqis tal-emissjonijiet; id-diġitalizzazzjoni; mezzi alternattivi ta' trasport fil-mobilità urbana; id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija fit-trasport bit-triq, bl-ajru u bil-baħar (inklużi anke mezzi tat-trasport professjonali, bħal bastimenti tas-sajd); u spazju komuni Ewropew tad-data dwar il-mobbiltà.

**Kumitat Ekonomiku**
**u Soċjali Ewropew**

Rue Belliard/Belliardstraat 99
1040 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Persuna inkarigata mill-pubblikazzjoni: Unità taż-Żjajjar u l-Pubblikazzjonijiet
EESC-2023-35-MT

**www.eesc.europa.eu/en/our-work/publications-other-work/publications/stand-democracy-speak-europe**

© L-Unjoni Ewropea, 2023
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.
Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratt / grafika, il-permess għandu jintalab direttament mid-detentur tad-drittijiet tal-awtur.
Cover: ©Getty Images

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

ISO14001 CERTIFIED VINÇOTTE

EMAS
Verified environmental management
REG.NO. BE - BXL - 27

Print:
QE-04-23-432-MT-C
ISBN 978-92-830-6042-0
doi: 10.2864/242
Online:
QE-04-23-432-MT-N
ISBN 978-92-830-6033-8
doi: 10.2864/868240

MT